**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Lulju 2001**
**Appell Krim. Numru: 170/00 NA (G)**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Spettur Sandro Zarb) (Spettur Paul Vassallo)**

**vs**

**Adel Mokhtar El-Sakalli**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' l-akkuza migjuba kontra l-imputat fejn gie pprezentat b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' Mejju 1999 u akkuzat talli matul il-jiem ta' qabel dik id-data, minghajr ma inghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Gunju 2000.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess imputat tal-10 ta' Lulju 2000.

Rat is-sentenza parzjali taghha tal-31 ta' Awissu 2000 fejn din il-Qorti ddecidiet illi:

> "*Peress illi dehrilha li fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2000 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gudikatura Kriminali dik il-Qorti kellha taghti differiment lid-difiza biex tkun tista' tressaq il-provi taghha u li dan in-nuqqas iwassal ghal dak ikkontemplat bis-sub-artikolu 3 ta' l-Artikolu 428 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta thassar is-sentenza ta' l-istess Qorti tal-Magistrati.*"

Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2000 quddeim din il-Qorti xehed l-Ispettur Sandro Zarb. Huwa qal illi gie nfurmat fil-5 ta' Mejju 1999 li l-imputat kien jinstab arrestat in konnessjoni ma' xi investigazzjonijiet ohra. Minn indagini li ghamel irrizulta illi l-istess imputat kellu Permess tax-Xoghol biex jilghab bhala Footballer mal-Munxar Falcons Football Club, liema permess kien inhareg fid-9 ta' Frar 1998 u li kien validu sa Frar tal-1999. Wara applikazzjoni

ta' l-istess imputat il-permess biex huwa joqghod Malta kien gie mgedded ghal xahrejn b'effett mill-25 ta' Frar 1999 liema permess ghalhekk skada fil-25 ta' April 1999.

Hu kien delegat f'dawn il-proceduri mill-Ufficjal Principali ta' l-Emigrazzjoni.

Fil-kontro-ezami ta' dan ix-xhud harget id-distinzjoni bejn il-Permess ghax-Xoghol u l-Permess ghal Residenza kif ukoll il-fatt li l-imputat kien applika biex il-Permess tax-Xoghol tieghu jigi renovat. Dan jinghad mill-Qorti semplicement ghal kronoca ghax, huwa ta' min ighid minn issa illi l-akkuza kontra l-imputat hija wahda specifika u hija dik l-akkuza li trid tigi ppruvata u cioe' jekk fid-data in kwistjoni l-imputat kienx qieghed Malta minghajr permess ta' residenza. F'din is-seduta u cioe' tal-15 ta' Dicembru 2000 xehed ukoll l-Ispettur Paul Vassallo li ddikjara illi meta kien arresta lill-imputat indunaw mill-Passaport tieghu li l-Visa kienet skadietlu wara li kien inghata *extension* biex joqghod Malta sal-25 ta' April 1999 u li, minn investigazzjonijiet li ghamel, fid-data meta gie arrestat ma kienx applika biex jerga' jiggedidlu l-permess.

Fis-seduta invece tas-26 ta' Jannar 2001 xehdet WPC105 u l-istess imputat. WPC105 li tahdem Ghawdex pero' hija nkarigata mill-Emigrazzjoni qalet fil-kontro-ezami taghha li l-imputat kellu Work Permit li bih seta' ukoll joqghod f'dawn il-Gzejjer li pero' skada fit-28 ta' Frar 1999. Jumejn qabel ma skada applika biex jestendih. Huwa inghata *extension* ta' residenza ghal xahrejn sa April tal-1999 u hija kienet avzatu biex jerga' japplika qabel ma jerga' jiskadielu dan iz-zmien. Fix-xhieda tieghu l-imputat isostni li kien imur ghand WPC105 biex jivverifika x'kienet is-sitwazzjoni tal-permess tieghu u li dina qaltlu illi ma kellux ghalfejn japplika mill-gdid. Fil-fehma tal-Qorti pero' l-aktar li hija rilevanti minn din ix-xhieda huwa dak li stqarr l-istess imputat fil-kontro-ezami. Mistoqsi darbtejn jekk fis-6 ta' Mejju 1999 kellux permess joqghod Malta d-darbtejn iwiegeb li jahseb li ma kellux. Mistoqsi jekk f'dik id-data u cioe' fid-data tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2001 kellux dan il-permess iwiegeb: "*Le, m'ghandix Permess.*" L-appell gie ttrattat fis-seduta tad-9 ta' Frar 2001 u differiet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:

Illi f'kawza ta' din in-natura din il-Qorti ftit li xejn ghandha triqat minn fejn tghaddi hlief triq wahda. Jirrizulta bhala fatt illi l-imputat fid-data meta gie arrestat u cioe' f'Mejju tal-1999 kien jinstab Malta minghajr permess minn ghand l-Ufficjal Principali ta' l-Emigrazzjoni u li sallum ghad ma ghandux dan il-permess u ghalhekk skond l-Att Dwar l-Immigrazzjoni - il-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta - huwa immigrant Projbit. Bhala tali skond l-Artikolu 14 (1) ta' l-istess Kapitolu: "*Kull persuna li tkun f'Malta minghajr permess*

*minnghand l-Ufficjal Principali ta' l-Emigrazzjoni tkun hatja ta' reat.*" Apparti mill-piena ghal dan ir-reat skond is-sub-artikolu (2) ta' dan l-Artikolu l-Qorti "ghandha" tohrog kontra dik il-persuna ordni ta' tnehhija minn dawn il-Gzejjer u tordna li dik il-persuna "*tinzamm taht kustodja sakemm titnehha minn Malta*".

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kapitolu fuq imsemmi tikkundannah ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) multa, tordna illi jitnehha minnufih minn dawn il-Gzejjer u li jinzamm taht il-kustodja tal-Pulizija Ezekuttiva u dana sakemm effettivament jitnehha minn dawn il-Gzejjer.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur